**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**Nhar is-Sibt 28 ta' Jannar 2023**

**9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.***

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B huwa ta' tliet sigħat)**

## Parti A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin:

1. Il-klijent tiegħek flimkien mal-familja tiegħu joqogħdu f'dar li ilhom jikru sa minn qabel l-1995. Issa, wara kawża magħmula minn sid-il-kera taħt l-art. 4A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini [Kap. 69], il-klijent tiegħek, billi ma issodisfax it-test tal-mezzi kif trid il-liġi, b'sentenza li saret finali ngħata żmien ta' sentejn sabiex jiżgombra u jrodd il-pussess tad-dar lis-sid. Il-klijent tiegħek talbek parir dwar jekk is-sentenza li ċċaħħdu mid-dar fejn joqgħod mal-familja hijiex bi ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu. Agħti parir bil-miktub lill-klijent dwar x'drittijiet għandu u dwar x'rimedju jista' jikseb.

2. Il-klijent tiegħek daħal fi ftehim ta' wegħda ta' bejgħ-u-xiri biex ibigħ proprjetà immobbli, u tħallas depożitu akkont tal-prezz. Billi l-ftehim kien jorbot għal tliet xhur li waslu biex jagħalqu, il-klijent tiegħek b'ittra ġudizzjarja sejjaħ lill-parti l-oħra biex tersaq għall-pubblikazzjoni tal-att finali ta' bejgħ-u-xiri. Bi tweġiba l-parti l-oħra (ix-xerrej imwiegħed) fetħet kawża kontra l-klijent tiegħek biex tinħall mill-wegħda għax tgħid illi l-proprjetà fiha difett li ma kienx jidher fil-waqt tal-ftehim. Ħejji l-att jew atti meħtieġa biex il-klijent tiegħek iwieġeb għall-kawża u biex iġiegħel lill-parti l-oħra tersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ-u-xiri.

3. Ħejji l-atti kollha meħtieġa (ittra u rikors maħluf) biex tiftaħ kawża għall-firda personali bejn il-miżżewġin li għandhom ulied minorenni; il-klijenta tiegħek hija l-mara.

4. Il-klijent tiegħek, awtur ta' xogħol mużikali, sar jaf illi sid ta' stabbiliment kummerċjali qiegħed, mingħajr il-kunsens tiegħu, idoqq din il-mużika fil-post tan-negozju tiegħu waqt li dan ikun miftuħ biex jilqa' klijenti. Ħejji l-att jew atti meħtieġa biex il-klijent tiegek jikseb rimedju.

5. Il-klijent tiegħek, li għandu ishma f'kumpannija, jilmenta illi l-affarijiet tal-kumpannija qegħdin jitmexxew b'mod li inġustament huwa ta' ħsara għalih. Ħejji l-att jew atti meħtieġa biex il-klijent tiegħek jikseb rimedju.

6. Il-klijent tiegħek, vittma ta' reat li għall-eżerċizzju tal-azzjoni kriminali dwaru d-deċiżjoni li ssir prosekuzzjoni hija vestita fl-Avukat Ġenerali, sar jaf illi l-Avukat Ġenerali ħa deċiżjoni li ma ssirx prosekuzzjoni. Huwa talab lill-Avukat Ġenerali bil-miktub biex jerġa' jikkunsidra d-deċiżjoni iżda l-Avukat Ġenerali għarrfu li ikkonferma d-deċiżjoni tiegħu kontra l-bidu ta' prosekuzzjoni. Ħejji l l-att jew atti meħtieġa biex il-klijent tiegħek jikkontesta din id-deċiżjoni.

## Parti B

Wieġeb għal waħda biss minn dawn li ġejjin:

1. (a) X'miżuri għandu jimplimenta avukat biex jara illi s-servizzi tiegħu ma jinqediex bihom min ifittex li jaħsel flus ġejjin minn attivitjiet illeċiti u (b) x'għandu jagħmel avukat meta jintebaħ, wara li jkun beda jassisti klijent, li dak il-klijent qiegħed jinqeda bis-servizzi tiegħu għall-ħasil ta' flus?

2. Sirt taf illi, waqt negozjati bla preġudizzju biex forsi sseħħ transazzjoni ta' kawża, l-avukat tal-parti l-oħra bil-moħbi għamel *recording* tad-diskussjonijiet. Agħti l-fehma motivata tiegħek dwar jekk dan hux korrett.

3. Jekk avukat isir jaf illi klijent li qiegħed jippatroċina kien ippatroċinat minn avukat ieħor qablu fuq l-istess kwistjoni, x'għandu jagħmel? Jagħmel differenza jekk il-każ ikun ta' urġenza, bħal meta jkun sejjer jagħlaq iż-żmien biex jiġi preżentat xi att?

**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**Nhar is-Sibt 29 ta' Lulju 2023**

**9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.***

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B huwa ta' tliet sigħat)**

## Parti A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin:

1. Il-klijent tiegħek, proprjetarju ta' dar ta' abitazzjoni li kienet mogħtija b'enfitewsi – b'ċens ta' tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) fis-sena – għal ħamsin (50) sena li għalqu fit-30 ta' Ġunju 2023, ġie mħarrek mill-*ex*-utlilista, ċittadin ta' Malta li jokkupa d-dar bħala r-residenza ordinarja tiegħu, sabiex jersaq għall-pubblikazzjoni ta' kuntratt notarili biex jagħraf il-konverżjoni tal-enfitewsi f'waħda perpetwa, b'ċens ta' sitt darbiet iċ-ċens li kien jitħallas qabel għalqet l-enfitewsi temporanja. Il-klijent tiegħek jixtieq jikkontesta t-talba għax jidhirlu li ċ-ċens, ukoll kif miżjud għal sitt darbiet li kien qabel, ma huwiex kumpens xieraq meta tqis il-valur tad-dar. Ħejji l-att meħtieġ sabiex il-klijent tiegħek jikkontesta t-talba.

2. Il-klijent tiegħek huwa sid ta' korp ta' appartamenti li hu jikri b'kirjiet qosra, l-aktar fiż-żmien tas-sajf. Is-sajf li għadda, sid ta' sit li jmiss mal-proprjetà tal-klijent beda proġett kbir ta' xogħlijiet ta' demolizzjoni u kostruzzjoni fuq dak is-sit. Dawn ix-xogħlijiet damu sejrin ix-xhur kollha tas-sajf u, minħabba trabijiet u storbju ġejjin minn dawn ix-xogħlijiet, il-klijent tiegħek ma sabx jikri l-appartamenti u tilef id-dħul minnhom. Ħejji l-att meħtieġ biex il-klijent tiegħek jikseb rimedju.

3. Il-klijenti tiegħek huma l-armla u l-ulied ta' ħaddiem li miet b'konsegwenza ta' inċident fuq il-post tax-xogħol. Igħidu illi l-inċident seħħ għax ma tħarsux ir-regolamenti dwar saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Ħejji l-att meħtieġ biex il-klijenti tiegħek jiksbu rimedju.

4. Il-klijenta tiegħek kienet konvenuta f'kawża ta' firda bejn il-miżżewġin li nqatgħet kontra tagħha għax il-qorti sabet illi kienet hi weħedha li taħti talli tfarrak iż-żwieġ. Il-klijenta tiegħek tixtieq tappella għax ma taqbilx illi l-ħtija kienet tagħha u ma taqbilx ukoll mal-mod kif l-ewwel qorti qasmet il-komunjoni tal-akkwisti. Ħejji l-att meħtieġ biex isir l-appell.

5. Il-klijent tiegħek kien parti f'wegħda ta' bejgħ-u-xiri (konvenju) biex jixtri proprjetà immobbli fi żmien sitt xhur u ħallas depożitu akkont tal-prezz. Il-ftehim għadu jorbot għax is-sitt xhur għadhom ma għaddewx iżda l-bejjigħ imwiegħed għarrfu illi ma jistax jersaq għall-formazzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ-u-xiri għax il-proprjetà issa bigħha lil ibnu. Il-klijent għandu raġuni għax jaħseb illi l-bejgħ sar biex iġib fix-xejn id-drittijiet tiegħu taħt il-konvenju Agħti parir bil-miktub lill-klijent dwar x'drittijiet għandu u dwar x'rimedju jista' jikseb.

6. Ħejji l-att meħtieġ biex isir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati illi ikkundannat lill-klijent tiegħek għal xahrejn priġunerija għax naqas milli jħallas lil martu s-somma stipulata f'kuntratt ta' separazzjoni personali bħala manteniment għaliha u għal uliedhom.

## Parti B

Wieġeb għal waħda biss minn dawn li ġejjin:

1. (a) X'miżuri għandu jimplimenta avukat biex jara illi s-servizzi tiegħu ma jinqediex bihom min ifittex li jaħsel flus ġejjin minn attivitjiet illeċiti u (b) x'għandu jagħmel avukat meta jintebaħ, wara li jkun beda jassisti klijent, li dak il-klijent qiegħed jinqeda bis-servizzi tiegħu għall-ħasil ta' flus?

2. L-art. 30 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi "L-avukati u l-prokuraturi legali, meta jidhru quddiem il-qrati superjuri jew inferjuri, jitqiesu bħala uffiċjali tal-qorti". Xi jġib miegħu għall-etika professjonali u għad-dmirijiet u d-drittijiet ta' avukat li huwa jkun "uffiċjal tal-qorti"?

3. X'tifhem bis-"sigriet professjonali" ta' avukat? X'inhuma l-limiti ta' dan is-sigriet? X'inhija d-differenza bejn "sigriet professjonali" u "kunfidenzjalità"? Agħti eżempji.